**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13/2018

**Il-Ħamis 27 ta' Settembru, 2018**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-1:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Mark Causon – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Désirée Vella Brincat - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

13.1.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

13.1.2 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat irringrazzjat u uriet l-apprezzament tagħha u tal-familja tagħha lejn il-Kunsill għal kif aġixxa l-Kunsill wara t-telfa t'omma l-ex Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 11/2018.

13.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 11/K7/2018 kif ippreżentati.

13.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

13.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/2225/18/I** Kwotazzjoni mingħand Medicare Services Ltd. għall-servizz ta' nurse biex jiġu amministrata l-injezzjonijiet ta' kontra l-influwenza għall-prezz ta' €15.00/hr.

13.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2225/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima.

13.3.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

13.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2249/18/I** Email mingħand l-AKL dwar l-inizjattiva Għotja ta' Demm.

13.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2249/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jidħol f'din l-inizjattiva u staqsa lill-membri preżenti minn minnhom kien lest li jipparteċipa.

13.3.5 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

13.3.6 Is-Sindku Dean Hili u l-Kunsillier Désirée Vella Brincat ikkonfermaw li ser jipparteċipaw filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u l-Kunsillier Charles Cesare qalu li huma diġa huma donaturi regolari.

13.3.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2261/18/I** Rapport mingħand il-PA li l-Kunsill jista' jagħmel użu mill-fond ta' €63,525.86 li hemm bħala Development Planning Funds.

13.3.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2261/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jivverifika mal-PA jekk tali fondi jistgħux jintużaw mill-Kunsill biex tinxtara vettura li tkun taħdem bl-elettriku (idejalment van

żgħir), liema vettura tintuża mir-rappreżentanti u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għal waqt il-qadi li jkun hemm bżonn. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk dan ma jkunx possibbli l-Kunsill xorta waħda għandu jibda l-proċess biex jinħarġu l-offerti għax-xiri ta' din il-vettura mill-fondi tal-Kunsill.

13.3.9 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

13.3.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2278/18/I** Email mingħand l-AKL dwar ħlasijiet ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma fil-Kunsilli Lokali.

13.3.11 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2278/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipparteċipa f'din l-inizjattiva suġġett li d-depożiti jsiru skond il-prassi tal-Kunsill.

13.3.12 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

13.3.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2280/18/I** Kwotazzjoni mingħand is-sur Mario Camilleri ta' Events Malta biex joffri s-servizzi ta' ko-ordinatur għall-attività tal-Halloween, u dan għall-prezz ta' €375.00.

13.3.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2280/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima. Il-kelliem ippropona wkoll li għal din l-attività hemm bżonn li l-Kunsill jipprovdi ħelu li ser jitqassam lit-tfal li ser jipparteċipaw, li jinkera servizz ta' Pulizija/Wardens biex jikkontrollaw it-traffiku, isiru tabelli ta' direzzjoni mill-Pembroke P&R lejn Triq San Ġorġ Preca, possibilità li jsir reklam fuq billboard, jinkrew barrikati mingħand il-Pulizija biex jingħalqu t-toroq, jinkrew numru ta' mobile toilets, servizz ta' first aid u ambulanza, u jinkrew numru ta' fire extinguishers.

13.3.15 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

13.3.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2351/18/I** Email mingħand ir-residenti ta' Sit A Blokk 9 u 11 Triq Pietru D'Armenia jilmentaw li ser jitneħħew l-iskips u qed jitolbu li tinstab soluzzjoni alternattiva.

**46/2446/18/I** Email mingħand ir-residenti ta' Sit A Blokk 6 Triq Pietru D'Armenia jilmentaw li ser jitneħħew l-iskips u qed jitolbu li tinstab soluzzjoni alternattiva.

13.3.17 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2351/18/I u 46/2246/18/I** fejn ippropona li wara li r-residenti kollha tal-lokal ġew informati b'arranġamenti l-ġodda, il-Kunsill għandu jiltaqa' mal-amministraturi ta' Sit A u B (fl-akwati ta' San Ġorġ) nhar it-Tnejn sabiex jiġi spjegat lilhom il-ħsieb wara r-riforma u jitlob l-assistenza tagħhom sabiex is-sistema tindera fl-iqsar żmien possibbli. Il-kelliem ippropona li din il-laqgħa għandha ssir nhar it-Tnejn 8 ta' Ottubru 2018 fis-6:30pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

13.3.18 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda u żied li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jekk is-sistema ma taħdimx, għandu jkun ikkunsidrat li jew kull blokk ikollu bin komuni li jissakkar u/jew struttura tal-ġebel u ukoll tkun tissakkar.

13.3.19 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2381/18/I** Stedina lill-Kunsill biex jipparteċipa fi programm li ser jixxandar fuq TVM bl-isem Wara Nofsinhar.

13.3.20 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2381/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jipparteċipax.

13.3.21 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

13.3.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2397/18/I** Email mingħand Moviment Graffitti jinforma lill-Kunsill b'laqgħa li ser issir għal diversi Kunsilli u NGO's vis-a-vis il-permess maħruġ mill-PA għall-iżvilupp ta' The City Centre fejn qed tiġi diskussa l-possibilità li jiġi ntavolat appell kontra l-permess maħruġ.

13.3.23 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2397/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jassisti b'kull mod possibbli f'każ li kollettivament jiġi deċiż li għandu jsir l-appell mid-deċiżjoni.

13.3.24 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

13.3.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2425/18/I** Stimi mingħand MIB Brokers (Malta) Ltd. għal polza t'assigurazzjoni.

13.3.26 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2425/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova li tintgħażel l-irħas offerta jiġifieri dik ta' Citadel Insurance plc tramite l-MIB Brokers (Malta) Ltd., liema offerta hija għall-sena u għandha tibqa' tiġġedded għall-perjodu ta' tlett snin.

13.3.27 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

13.3.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2426/18/I** Email mingħand id-DGL iħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jipparteċipaw fl-inizjattiva Battle's Over – A Nation's Tibute – 100 years of Remembrance.

13.3.29 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2426/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill jikkomunikaw ma' Pembroke/St. Andrews Scouts dwar il-possibilità li nipparteċipaw.

13.3.30 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

13.3.31 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.3.32 Is-Sindku Dean Hili ippropona li bħas-snin li għaddew, il-Kunsill japprova li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jingħata l-fakultà u l-permess li jġedded il-massimu ta' vacation leave skond il-Public Service Management Code.

13.3.33 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

13.3.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

13.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 13.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

13.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 35/2018** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 11/K7/18 u 13/K7/18 **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 36/2018** - Lista ta' ilmenti li rċieva l-Kunsill bejn laqgħa referenza 11/K7/18 u 13/K7/18 **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 37/2018** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 11/K7/18 u 13/K7/18 **(Dok. 3)**

13.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 36/2018** dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill, fejn ippropona li:

| **Referenza** | | **Ilment** | **Azzjoni** |
|---|---|---|---|
| 25 | 2018 | Talba sabiex isiru sleeping police man fi Triq Gabriele Henin u li min qed jagħmel it-talba qed jaċċetta li waħda minnhom issir quddiem il-propjetà tagħha. | Mhux ser tiġi ikkunsidrata għalissa minħabba li hemm il-ħsieb li t-Triq tingħata wiċċ ġdid fix-xhur li ġejja. |
| 26 | 2018 | Talab sabiex jinbidlu numru ta' tabelli tal-ismijiet tat-toroq li qegħdin fuq il-konkos, fosthom dik ta' Triq Sir Luigi Preziosi minħabba li swiedu. | Dawn u tabelli oħra għandhom jinbidlu fix-xhur li ġejja. |
| 27 | 2018 | Talba sabiex id-dawra ta' Triq Patri Serafin Zarb u Triq Dun Ġużepp Farrugia madwar Blokk 7 issir one way. | Il-Kunsill jaqbel suġġett li jkun hemm qbil mill-maġġoranza tar-residenti. |

13.5.3 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

13.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.5.5 Is-Sindku Dean Hili ippropona li jsir xogħol ta' patching fi Triq Falaise nkluż ir-road humps, Triq Normandy u toroq oħra fejn ikun hemm il-bżonn. Il-kelliem ippropona wkoll li hemm bżonn ta' manutenzjoni tar-road hump li hemm bil-paving blocks fi Triq Camillo Sceberras.

13.5.6 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

13.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.5.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 37/2018** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

13.5.9 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

13.5.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

13.6.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 4, 5 u 6)**

13.6.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

13.6.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

13.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.7 Mozzjonijiet.

13.7.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 13.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.8.1 Il-laqgħa ntemmet fl-3.15pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Ottubru 2018 fil-5:30pm.

Konfermati, llum 30 ta' Ottubru, 2018

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 35/2018** **26 ta' Settembru 2018**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 11/K7/18 u 12/K7/18

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 28/08/2018 | Laqgha tal-Kunsill numru 11/K7/2018 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 29/08/2018 | Laqgha mas-sur Mario Camilleri rigward l-attivita tal-Halloween | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 31/08/2018 | Laqgha ma' Infrastructure Malta dwar l-Upgrading ta' St. Andrews Road | Luqa | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 05/09/2018 | Laqgha mas-Science Centre u Ms. Joanna Pullicino | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 06/09/2018 | Information meeting rigward il-progett tad-DB | PA, Floriana | Dean Hili |
| 11/09/2018 | Laqgha ghas-Segretarji Ezekuttivi | Regjun Tramuntana | Kevin Borg |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 14/09/2018 | Laqgha ma' Mr. Andreas Curmi re bike ride | Regjun Tramuntana | Dean Hili |
| 18/09/2018 | Press Conference dwar il-Kors Masters in Governance and Management | AKL, Marsa | Kevin Borg |
| 20/09/2018 | Laqgha ma' Miss Pembroke Ms. Maya Tabone | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili |
| 20/09/2018 | PA 977/17 - Upgrading of the primary water network between Ta` Qali reservoir and Pembroke reverse osmosis | Il-Kullegg San Gorg Preca, Hamrun. | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 20/09/2018 | Public Hearing re DP Project | Il-Kullegg San Gorg Preca, Hamrun | Dean Hili<br>Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 36/2018** **27 ta' Settembru 2018**

# Lista ta' ilmenti li għadhom pendenti bejn il-Laqgħa 11/K7/18 u 13/K7/18

| Referenza | | Ilment |
|---|---|---|
| 25 | 2018 | Talba sabiex isiru sleeping police man fi Triq Gabriele Henin u li min qed jagħmel it-talba qed jaċċetta li waħda minnom issir quddiem il-propjeta' tagħha. |
| 26 | 2018 | Talab sabiex jinbidlu numru ta' tabelli tal-ismijiet tat-toroq li qegħdin fuq il-konkos, fosthom dik ta' Triq Sir Luigi Preziosi minħabba li swiedu. |
| 27 | 2018 | Talba sabiex id-dawra ta' Triq Patri Serafin Zarb u Triq Dun Guzepp Farrugia madwar Blokk 7 issir one way. |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 37/2018** **27 ta' Settembru 2018**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 11/K7/18 u 13/K7/18

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 129 | 2018 | J&K Contractors | Tlabna sabiex issir platform tal-konkos taħt wieħed mill-bankijiet li saru fil-picnic area. |
| 132 | 2018 | Corner Stone | Tlabna sabiex għan-nom tal-Kunsill jipprepara l-applikazzjoni sabiex jitwaħħal l-isem tal-Kunsill mal-faċċata tal-bini Amministrattiv tal-Kunsill. |
| 133 | 2018 | F. Zammit Nurseries | Bukkett fjuri ghall-xewqat ta' fejqan ta' malajr ghall-Kunsillera Evelyn Vella Brincat |
| 135 | 2018 | Mica Med | Tlabna sabiex jirrenġa bozza tteptep bin-numru W039 fi Triq Mons Luigi Farrugia. |
| 136 | 2018 | Mica Med | Tlabna sabiex jirrenġa bozza tteptep bin-numru W040 fi Triq il-Mediterran ma' dar numru 66. |
| 137 | 2018 | Terracore | Tlabna sabiex għan-nom tal-Kunsill tipprovdilna survey dettaljat skont kif mitlub mill-Perit Joseph Saliba biex isir upgrading tas-sit li hemm bejn il-Pembroke P&R u Triq Sant 'Andrija |
| 138 | 2018 | Julie Lupi | Wreath tal-fjuri ghall-funeral tal-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat |
| 139 | 2018 | Mica Med | Tlabna sabiex jirrenġa 3 globi imkissra u maqtugha fi Gnien Madre Tereza ta' Kalkutta |
| 140 | 2018 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jisspulixxi u jwaħħal 6 vleġeġ 45° madwar ir-roundabout off Triq il-Mediterran |
| 142 | 2018 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jiġi rranġat madwar il-katusi mal-bini tal-Kunsill, terġa' titwaħħal bollard hdejn Park & Ride, jiġu rranġata kaptelli fi Pjazza B. N. Falzon, Jiġu rranġata kaptelli fi Triq Tunis u Triq il-Kurunell Cocks |
| 144 | 2018 | J&K Contractors | Tlabna sabiex tiġi rranġata l-bankina quddiem Dar 2 fi Triq Ferdinand Gregh. |
| 145 | 2018 | Koptasin | Tlabna sabiex isiru r-road markings kull fejn sar tarmak ġdid fi Triq Profs Walter Ganado u madwar ir-roundabout ta' San Gorg. |
| 147 | 2018 | Mica Med | Tlabna sabiex tirrenġa bozza tteptep bin-numru W032 fi Triq il-Mediterran ma' dar numru 4. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 148 | 2018 | Mica Med | Tlabna sabiex tissewwa bozza fi Triq Luigi Rosato |
| 149 | 2018 | Medicare | Tlabna sabiex jipprovdu is-servizz taghhom ghat-tilqim ta' l-influenza |
| 150 | 2018 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jissuplixxi landa Thinner, 3 laned żebgħa sofor u 3 laned żebgħa bajda |
| 151 | 2018 | Mica Med | Tlabna sabiex tissewwa bozza fi Triq Gio Felice Inglott |
| 152 | 2018 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex iwahhal 5 tabelli ta' No Stopping u No Parking fi Triq ANZAC |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**